KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Seba LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 61 Tnejn 18 ta' Ġunju 2018

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-7:45pm ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Keith Cassar – Sindku
James Cassar -Viċi Sindku
Angele Rapa – Kunsillier
Karl Tanti – Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsillier
Mark Micallef Costa – Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
Christian Borg – Kunsillier
Jesmond Gauci-Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Gianluca Busuttil- Kunsillier
Mario Sammut – Kunsillier

ASSENTI
Rachel Tua – Kunsillier
Joseph Gatt - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Lorraine Templeman – Segretarju Eżekuttiv

Minuti
Is-Sindku Keith Cassar ippresjeda l-laqgħa.

61.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittri ta' apoloġiji ta' Gianluca Busuttil u Mario Sammut. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittri ta' apoloġiji.

Is-Sindku fakkar lil-membri preżenti li min jkollu nuqqas ta' attendenza skont iċ-cirkulari 17/2016, li ma jkunx approvat u ġustifikat, jiġi mgħarraf id-Dipartiment kif wkoll il-Ministeru.

**61.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 60**.

Korrezzjoni Attendenza – James Cassar tinbidel il-kelma Kunsillier għal-Viċi Sindku.

Korrezzjoni 60.05.2 – Jiżdiedu l-kliem li attenda l-Arċipriet, u li ntbagħtu id-dettalji meħtieġa kif ntalbu mil-uffiċjali tal-faċilita korrettiva ta' Kordin.

Korrezzjoni 60.04.1 – Il-*culverts* msemmija qegħdin bejn il-Maypole u t-*traffic lights*, u mhux quddiem tal-ħaxix.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 59.

**61.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza**

**61.3.1 Kommunikazzjoni – PA 5190/16 Kiosk fil-Pjazza**

Is-Sindku nforma li l-Awtorita ta' l-Ippjanar ma approvatx din l-applikazzjoni.

**61.3.2 Kommunikazzjoni – PA 5430/02 Pompa tal-Petrol**

Is-Sindku nforma l-informazzjoni ħażina rigward l-applikazzjoni ta' Pompa tal-Petrol ġewwa l-Blata l-Għolja. Is-sit mhuwiex quddiem l-istabbiliment Army Surplus, imma f'Ta Swaey. Is-Sindku nforma li l-Awtorita ta' l-Ippjanar b'vot unanimu ma approvatx din l-applikazzjoni.

**61.3.3 Kommunikazzjoni – Xelter tal-Pjazza**

Is-Sindku nforma li apparti li ntwera nteress mis-Soċjeta Piroteknika 15 ta' Awwissu biex jieħdu ħsieb ix-xelter, saret talba mill-Parroċċa wkoll, u għalhekk is-Sindku iltaqa' maż-żewġ għaqdiet biex naraw kif nistaw nikkoperaw flimkien. Ħa jiġi fformulat MOU għal-approvazzjoni tal-Kunsill.

**61.3.4 Kommunikazzjoni – Tenders**

Is-Sindku nforma li ħa jinħarġu żewġ *tenders*, li dawn diġa ġew iċċirkulati mal-Kunsilliera. Dawn it-*tenders* huma tal-knis u tal-Contracts Manager, fejn id-dokumenti intbagħtu għal-aprovazzjoni tad- DLG u d-Dipartiment tal-Kuntratti.

Il-proċess tal-Contracts Manager ħa jkun normali ta' xahar, waqt li dak tal-knis ħa jkun bl-*accelerated procedure* ta' ħmistax.

Is-Sindku nforma li l-knis tal-kuntrattur preżenti huwa ta' uġiegħ ta' ras kbira fejn ix-xogħol mhux qed jsir kullimkien skond l-iskeda marbuta mal-kuntratt. Ilna nipruvaw nitkellmu mal-kuntrattur u niġbdulu l-attenzjoni bil-kelma t-tajba l-fuq min sena, ltqajna wkoll fil-preżenza tal-avukati biex nipruvaw naslu, imma kien kollu għalxejn.

Il-Kunsill ta' lil-Kuntrattur ħafna ċans biex jirrimedja, imma ma ssolva xejn, fejn ċerti żoni fil-Mosta mhux biss ma jsirux skond l-iskeda li hemm fuq il-kuntratt, imma l-anqas biss jsiru hekk kif jixhdu partita ritratti li nirċievu mir-residenti, u dawk li jmur jinvestiga l-Kunsill. Dawn ir-ritratti dejjem intbagħtu lill-kuntrattur.

Għalhekk ntalab permess lid-dipartiment biex jintalbu kwotazzjonijiet għall-servizz ta' emerġenza, sakemm jinħareġ it-*tender* il-ġdid, biex b'mod immedjat jidħol kuntrattur ieħor, u jitwaqqaf is-servizz preżenti.

Is-Sindku staqsa lil-membri preżenti jekk kienx hemm xi oġġezzjoni, jew qbil unanimu. Il-Kunsillier Borg talab jekk nistawx nagħtu ultimatum lil-kuntrattur biex ma jidhirx li qisna keċċejnieħ. Is-Sindku nforma, li l-kuntrattur mhux impjegat tal-Kunsill biex jitkeċċa, imma l-kuntrattur jirrappreżenta lil-kumpanija tiegħu biex jgħati servizz u jitħallas tiegħu. Dan il-kuntrattur ilna l-fuq min sena' nagħmlu laqgħat, biex jirregolarizza ruħu fuq in-nuqqasijiet. Il-Kuntratt jitlob wkoll li dan il-kuntrattur jkollu 6 ħaddiema *full-time* ġewwa l-Mosta imma għandu massimu ta' żewġ ħaddiema biss. U għalhekk l-utimatum skada, għax li tgħati ċans wara ieħor għal-iktar min-sena, ħadd ma jagħmila, u għalhekk issa s-Sindku sostna li m'hemx iktar ċans.

Is-Sindku nforma wkoll, li dan l-istess kuntrattur għandu t-*tender* f'idu tal-Parks and Gardens, fejn dan mhux skadut bħal tal-knis. Dan il-kuntratt jitlob li kull rapport jrid jiġi indirrizzat fi żmien 3 ijiem, fejn konna laxki żżejjed għax ingħata ċans kemm il-darba. Hawnhekk is-Sindku nforma li l-istess bħal tal-knies mhux qed jkollna is-servizz mistenni, u f'temp ta' xahar ħriġna 10 *default notices,* wara li l-Kunsill ilu ħafna jitkellem u jiġbed l-attenzjoni tal-kuntrattur. L-ebda *default notice* li nħareġ ma ġie ikkontestat mil-kuntrattur. Qegħdin fis-stat fejn kien hemm każijiet li l-Cleansing Department , permess ta' l-Onor. Deo Debattista bagħat lin-nies tiegħu inaddfu.

Il-Kunsilliera Bonnici mfurmat lil membri preżenti li l-inkwiet tagħha huwa għaż-żmien tal-festa, fejn il-kuntrattur kurrenti, għalkemm m'hijiex kuntenta bis-servizz tiegħu, jaf iż-żoni.

Il-Kunsillier Borg, qal li huwa jaqbel wkoll, pero' qal li bħala Kunsill irridu naraw l-mod kif se nagħmluwa. Is-Sindku nforma li l-mod li qed jitpoġġa fuq il-mejda għal-approvazzjoni hija b'approvazzjoni tad-DLG, għax dawn huma flus il-poplu, u huwa l-Kunsill li jmexxi u mhux il-kuntrattur. Is-Sindku nforma li ma jistax jkun li jġorr dan il-piż fejn jidħlu ħafna rapporti u l-Kunsill ma jieħux azzjoni.

Il-Viċi Sindku nforma li din hija *issue* li 'ila għadejja għal-ħafna żmien, u ipruvajna ħafna metodi biex naslu, sia bil-kelma t-tajba, bl-avukati, u anke bir-rapporti li jibgħatu n-nies, u l-kuntrattur jibqa jgħid li mhux veru anke meta nibgħatu provi bir-ritratti.

Is-Sindku nforma lil-membri preżenti, li din is-sitwazzjoni ila għadejja min żmien l-eks Sindku Vassallo u l-eks Sindku Bartolo. Meta tela Sindku hu ridt jibda paġna ġdida mal-kuntrattur, u tkellem mal-kuntrattur, pero' s-sistwazzjoni qatt ma tranġat u ma ġejniex stmati taż-żmien kollu li 'ingħata lil-kuntrattur biex jirrimedja n-nuqqasijiet, anke meta ipruvajna niltaqaw nofs triq biex tinstab soluzjoni.

Il-Kunsilliera Bonnici qalet li r-rata fis-siegħa kienet inqas milli hi llum, għalkemm xorta mhux ġustifikat li l-kuntrattur joffri ħaddiem wieħed biss min 6. Is-Sindku wieġeb li dak huwa riskju li jidħlu għalihom il-kuntratturi meta jgħamlu l-offerta tagħhom fit-*tender.*

Is-Sindku nforma li għal din il-kwotazzjoni il-kuntrattur preżenti huwa eskluż li jissottometti kwotazzjoni, imma mhux eskluz milli jitfa l-applikazzjoni meta joħroġ it-*tender*. Hemmhekk, imbagħad il-kuntrattur għandu dritt japplika bir-rati li jixtieq hu.

Rigward il-kuntratt tal-Parks and Gardens, is-Sindku nforma li jekk il-kuntrattur mhux ħa joqgħod attent u jirregolarizza ruħu, ħa jispiċċa jitkeċċa.

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li fl-1 ta' Ġunju sar *meeting* mal-uffiċjali u l-Perit tal-MESDC Parks, kif wkoll mal-ħaddiema u l-kuntrattur, fi Ġnien l-Għarusa tal-Mosta, fejn ġie nnutat ħaxix ħażin għoli madwar metru. Il-Kuntrattur ġie infurmat li intefqu mal-100,000 Ewro fl-ewwel sena u tħawwlu mas-700 siġra u arbuxelli. Dawn hemm ċans kbir li tħawwel u ntefqet spiża ta' xejn, għax biex jinqala' l-ħaxix ħażin ħa jispiċċa jinqalaw l-arbuxelli u s-siġar ġodda li għadhom żgħar u ma jidrux qalb il-ħaxix ħażin. Il-Kuntrattur ġie nfurmat mil-Kunsill u mil-MESDC Parks li ħa jinżamm responsabbli, minħabba li l-kuntrattur ma għamilx ix-xogħol meħtieġ.

Fit 8:12pm daħlet għal laqgħa l-Kunsilliera Rapa.

Is-sindku nforma li madwar ġimgħa ilu, impjegat tal-kunsill ta' lista ta' toroq lil-impjegat tal-kuntrattur biex jinkinsu, fejn dan informa li ma jafx jaqra. Is-Sindku qal li ma nipretendux dan l-impjegat jkun jaf jikteb tezi, pero' li ma jafx liema huma t-toroq mhux aċċettabli.

Is-Sindku talab għal-vot tal-membri preżenti jekk humiex favur li jitwaqqaf il-kuntrattur preżenti mil-kuntratt tal-knies.

Il-membri preżenti ivvutaw hekk:

Favur - Keith Cassar
- James Cassar
- Karl Tanti
- Angele Rapa
- Mark Micallef Costa
- Frans Degura
- Jesmond Gauci

Kontra - Ħadd

Astjenu - Maria Pia Bonnici
- Christian Borg

Skond kif ivvuttaw il-membri preżenti, il-kuntrattur preżenti WM Environmental Ltd. ħa jitwaqqaf mix-xogħol tal-knis, malli tintgħażel il-kwotazzjoni ta' xahar jew xahrejn, biex il-lokalita jkolla servizz temporanju, sakemm jinħareġ it-*tender.*

### 61.3.5 Kommunikazzjoni – Residential Commercial for Sgħajtar Area Proposal.

Is-Sindku nforma li għamel laqgħa mar-residenti fejn kien hemm madwar 30 persuna li attendew. Bħala Kunsilliera kien hemm preżenti il-Kunsillier Deguara.

Il-punti li tqajmu waqt din il-laqgħa ħa jiġu fformulati bħala addendum mal-proposta li diġa hemm, biex dan ir-Residential Commercial Proposal ma jkollux impatt negativ għar-residenti taż-żona u tal-madwar.

Is-Sindku qara' l-punti li tqajmu waqt din il-laqgħa (Anness 1) u l-membri preżenti qablu b'mod unanimu biex tinbgħat il-proposta għan-nom tar-residenti bħala adendum mal-proposta li diġa hemm lil-Awtorita ta' l-Ipjanar.

Fit 8:25pm Il-Kunsillier Borg talab biex jiġi skużat għax kellu bżonn jitlaq.

### 61.3.6 Kommunikazzjoni – Tenders

Is-Sindku nforma li qabadna Segretarju Eżekuttiv li jaħdem bħala *freelance*r fuq *tenders,* biex kemm jista jkun inleħqu noħorġu t-*tenders* il-ġodda.

### 61.3.7 Korrispondenza – PAMA Agreement

Is-Sindku nforma li tkellem maċ-chairman tal-Awtorita ta' l-Ippjanar biex jintervjeni mal-PAMA peress li l-proġetti li qed jsiru mil-PAMA qed jdumu. Il-lum stess irċevejna mingħand il-PAMA biex jsir laqgħa, u s-Sindku nforma li ħa jżomm lil-Kunsilliera nfurmati wara li ssir din il-laqgħa.

### 61.3.8 Kommunikazzjoni – Laqgħa dwar one-ways.

Is-Sindku nforma li ħa ssir laqgħa ta' konsultazzjoni fit-3 ta' Lulju fuq numru ta' *one-ways* proposti. Din il-laqgħa ħa tkun waħda b'aġenda ta' lista ta' toroq, mhux laqgħa għal kul-triq.
Il-Kunsilliera ħa jirċievu notifika biex jattendu, kif wkoll ħa jiġu mistiedna Transport Malta, LESA u l-Pulizija biex jgħatu id-direzzjoni professjonali tagħhom.

### 61.3.9 Korrispondenza - Archeo Nature Park

Is-Sindku nforma li ltaqa' ma persuna li għandu kumpanija fuq studji ta' geologija etċ., u mas-Sindku tan-Naxxar.
Iż-żona tal-Wej hemm idea li jsir Archeo Nature Park, li jkun jifrex fuq parti mil-Mosta, min fejn il-kappella ta' Sta Margerita, u parti min-Naxxar sal-barriera. Din l-idea għada prematura u għalhekk ħa jżomm il-Kunsilliera nfurmati.

### 61.3.10 Korrispondenza – PPP (Public Private Partnership)

Is-Sindku fakkar meta l-Kunsill kien tkellem fuq il-proġetti tal-PPP, fejn fuq il-PPP1 għad fadal 90,000 Ewro. Is-Sindku nforma li t-toroq li saru taħt il PPP1 għadhom taħt garanzija, u għalhekk ħa niġbdu l-attenzjoni tal-kuntrattur fejn hemm il-ħsara.

### 61.3.11 Korrispondenza - Quotes for street cleaning

Is-Sindku nforma li diġa għanda tlett kwotazzjonijiet f'idejna u fadal tnejn oħra x'nirċievu.

### 61.3.12 Korrispondenza – Bank li qiegħed quddiem il-Well Baby Clinic

Is-Sindku nforma li tal-Well Baby Clinic talbu biex jitneħħa l-bank li jinsab taħt it-tieqa, għax qed jkun hemm anzjani li jintefaw fuq dan il-bank ipejpu, u għalhekk qed jidħol id-duħħan u r-riħa ta' sigaretti fil-Well Baby Clinic.

Il-Kunsilliera preżenti qablu unanimament biex jitneħħa dan il-bank, u jinstab post ieħor fejn jitpoġġa l-bank.

## 61.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 61.4.1 Kappella ta' l-Isperanza

Il-Kunsilliera Bonnici talbet biex jitnaddaf il-passaġġ fen kien hemm is-CCTV cameras, li jagħti ma' ġenb il-Kappella ta' l-Isperanza. Hemm wkoll dustbins mkissrin u bozzoz maqtugħin.

### 61.4.2 Ġieħ il-Mosta

Il-Kunsilliera Bonnici talbet biex joħorġu l-applikazzjonijiet biex ma tintilifx maż-żmien tal-festa. Is-Sindku nforma li nistaw naprovaw li jibdew jsiru in-nominazzjonijiet fil-laqgħa li jmiss.

#### 61.4.3 Triq il-Kaħwiela

Il-Kunsillier Deguara rċieva lment fejn fi triq il-Kaħwiela hemm mekkanik li r-residenti qalu li dan qed jaħdem bla permess, biex ninfurmaw lil Pulizija biex jgħamlu l-infurzar meħtieġ.

#### 61.4.4 Festa Qargħasel

Il-Kunsillier Tanti kien staqsa jekk kienx hemm fondi għal din l-attivita'. Is-Sindku nforma li fondi mingħand id-DLG m'hemx għax il-fondi oriġinali kienu għal-sena, u għalhekk talab lil Kunsillier Tanti biex kemm jista jkun jżomm l-ispejjes baxxi.

Peress li fil-viċin ħa jkollna l-attivitajiet ta' Jum il-Mosta, Festa Qargħasel u possibilta li l-Mosta tingħata titlu ta' belt, is-Segretarju Eżekuttiv ħa titkellem ma l-*accountant* biex naraw jekk nistawx jkollna *budget* ta' 12,000 Ewro.

Is-Sindku nforma wkoll biex naraw bħala *insurance*, xi spejjes hemm għal dawn l-attivitajiet.

#### 61.4.5 FIFA World Cup

Is-Sindku nforma li flimkien mal-PBS, ħa titella attivita tal-World Cup ġewwa l-Ġnien l-Għarusa tal-Mosta, fejn ħa tiġi mxandra *live* il-logħba bejn l-Ingilterra u l-Belġju nhar it-28 ta' Ġunju, fuq *big screen*, fis-7:00pm.

### 61.5 Rapporti

#### 61.5.1 Gazetta

Il-Kunsillier Deguara nforma li x-xogħol fuq il-gazetta Mosta Solidali mixi, u ħa nipruvaw li tinħareġ għal-l-ewwel ġimgħa ta' Lulju.

#### 61.5.2 Ħarġa tal-Kunsill

Il-Kunsillier Deguara nforma li l-ħarġa li jmiss ħa tkun fit-28 ta' Ġunju, ġewwa Ħaġar Qim.

#### 61.5.3 Victoria Lines

Il-Kunsillier Deguara nforma li attenda *seminar* fil-15 ta' Ġunju li sar ġewwa s-sala f'Ħaġar Qim dwar il-Victoria Lines National Trail li kien interessanti ħafna dwar il-preservazzjoni tagħhom. Dan is-*seminar* kien għal-Kunsilli Lokali li jmissu magħhom il-Victoria Lines, u għandu jkun hemm *follow-up* ta' din il-laqgħa.

#### 61.5.4 Laqgħat ta' Kortesijja

Il-Kunsillier Deguara nforma li fit-30 ta' Mejju saret laqgħa ta' kortesijja mal-Konslu Ġenerali Louis Vella, li reġa ltaqa' magħna fl-4 ta' Ġunju meta ġiet l-Ambaxxatriċi Amerikana Kathleen Hill.

#### 61.5.5 Applikazzjoni Interna għall-post ta Skrivan/a Skala 15

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil membri preżenti li bħala Kunsill għandna 6 skrivani u jista jkollna massimu ta' 8 Skrivani. Il-Kunsilliera preżenti qablu li jiġi impjegat Skrivan/a Skala 15.

### 61.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni

#### 61.6.1 Skeda ta' pagamenti

L-iskeda ta' pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

61.6.2 Purchase Orders

Il-purchase orders ġew diskussi u approvati unanimament.

61.6.3 Works Orders

Il-works orders ġew diskussi u approvati unanimament.

61.6.4 Petty Cash

Il-petty cash ġew diskussi u approvati unanimament.

61.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa intemmet fid-9:00 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għad-9 ta' Lulju 2018 fis-7:30 p.m.

Konfermati llum 18 ta' Ġunju 2018.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Keith Cassar | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |